Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 35/2019

Il-Pulizija

Spettur Priscilla Caruana

Vs

Anton Cutajar u

Joseph Cutajar

Illum 31 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Anton Cutajar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 476076(M) u Joseph Cutajar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 349045(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-3 ta' Marzu 2010 u fil-jiem ta' qabel ġewwa Triq Birżebbugia, Birżebbugia:

1. Mingħajr il-ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi iżda biex biss jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom, fixklu lill-Saviour u Alfred aħwa Żammit fil-pussess ta' ħwejjiġhom billi kisru katnazz, propjeta' tal-istess aħwa Żammit, li kien hemm mall-grada fi Triq B'Bugia, B'Bugia u liema grada tagħti għall-propjeta' tal-aħwa Żammit;
2. Talli għamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta' tal-aħwa Żammit, billi daħlu fl-istess propjeta';

3. Talli għamlu ħsara volontarja fil-propjeta' tal-aħwa Żammit li tammonta għal mhux iżjed minn tlieta u għoxrin Eweo u disgħin ċenteżmu (€23.60);

4. Talli saru reċidivi skond is-sentenza mogtħija fl-24 ta' Ġunju 2008 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Mag. Dr. J. Padovani Grima) fil-kawża 'Il-Pulizija vs Joseph u Anton Cutajar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-24 ta' Jannar, 2019 li wara li rat l-Artikoli 17, 49, 85, 340(d) u 325(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u kkundannathom multa komplessiva ta' ħames mitt Ewro (€500) kull wieħed.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti kkundannat lill-imputati sabiex sa żmien xahr minn meta jiġu hekk mitluba bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallsu in kwantu għal nofs kull wieħed lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf u għaxar Ewro u ħamsa u ħamsin ewro ċenteżmi (€1010.55) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mall-ħatra ta' espert f'dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anton Cutajar u Joseph Cutajar, ppreżentat fit-8 ta' Frar, 2019, fejn talbu lil din l-Qorti:

1. Tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-ismijiet sopraċitati fl-intier tagħha u konsegwentement tillibera lill-esponenti appellanti Anton Cutajar u Joseph Cutajar minn dawn l-imputazzjonijiet kollha, piena u kundanni relattivi.
2. Subordinament, sabiex tvarja s-sentenza u tagħti kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq fil-każ li din il-Qorti jidrilha li waħda jew iktar mill-akkużi appellati jirriżultaw fil-konfront ta' xi ħadd mill-appellanti.

Rat l-aggravji tal-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravji intentati mill-appellanti essenzjalment jikkoncernaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta sabithom hatja tar-reati lilhom addebitati. Illi sussidjarjament jikkontendu illi tielet akkuza ghandha titqies bhala alternattiva ghal-ewwel imputazzjoni billi r-reat ta' raggion fattasi jeskludi l-intenzjoni li ssir il-hsara b'mod volontarju fil-kors tal-kummissjoni tar-reat kuntrarjament ghal volontarjeta' tal-att inkriminatorju mehtieg sabiex jissussisti r-reat mahsub fit-tielet akkuza li, fi kwalunkwe kaz, mill-provi fl-atti jirrizulta, fl-aghar ipotezi, li l-att gie komess unikament mill-appellant Joseph Cutajar.

Illi sabiex il-Qorti tqies l-aggravji imqanqla mill-appellant, bil-ghan uniku illi jigi stabbilit jekk l-Ewwel Qorti setatx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, ezaminat l-atti mill-gdid minn fejn jirriżulta illi nhar it-3 ta' Marzu 2010 l-kwerelanti  Salvu Zammit u Alfred Zammit irrapportaw gewwa l-għassa ta' Birżebbuġa illi l-appellant Anton Cutajar kien kiseb access ghal sqaq li għandhom ġewwa Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa bil-vettura billi kisser katnazz li kien hemm fil-grada ta' dan l-isqaq.  Huma ddikjaraw illi ma kenux rawh ikisser il-katnazz jew dieħel bil-vann, iżda ssuspettaw fih minħabba kawża pendenti bejniethom quddiem il-qrati dwar dan l-istess sqaq.  Il-pulizija marru fuq il-post fejn innutaw l-imsemmi vann ta' Anton Cutajar. Illi rriżulta minn stħarriġ illi sar illi s-sewwieq ta' dan il-vann kien certu Michael Aquilina li meta mitkellem mill-pulizija ddikjara illi hu kien qiegħed hemm bil-permess ta' sid il-vann u ċioe Anton Cutajar.  Meta l-pulizja tkellmu ma' Anton Cutajar  dan saħaq illi hu għandu aċċess biex jidħol gewwa l-isqaq. Cahad li kien kisser il-katnazz

sabiex idahhal il-vann tieghu. Iddikjara wkoll illi Michael Aquilina kien sab il-grada miftuħa u allura kien qabad u daħal. In oltre il-pulizija tkellmu wkoll ma'l-appellant Joseph Cutajar fejn ġie nfurmat li ser jittieħdu passi kontra tiegħu ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti jinsabu mixlija b'tlett reati b'dak ewlieni jkun ta' 'l hekk imsejjah raggion fattasi, oltre ir-reat ta' vjolazzjoni ta' proprjeta u dak tal-hsara volontarja. Dan sehh allegatament meta l-appellanti kisbu access ghal sqaq li jinsab fil-pussess tal-kwerelanti billi qacctu katnazz li kien isakkar grada li taghti ghal dan l-isqaq.

Illi minn ezami tal-atti probatorji jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. Illi l-kwerelanti jikkontendu illi mill-kuntratt ta'l-akkwist tal-proprjeta li jappartjenu mill-aventi causa taghhom, datat 28 ta' Frar 1940, jirrizulta illi l-isqaq mertu ta' dawn il-proceduri u li jifred il-proprjeta' taghhom minn dik ta' Anton Cutajar jappartjeni lilhom u li Cutajar ghandu biss dritt ta' passagg minnu ghal proprjeta tieghu bir-rigel biss. Fil-fatt hemm xatba kbir ta' ghaxar piedi li taghti ghal dan l-isqaq u bieb, li jifforma parti integrali minn din ix-xatba, li jaghti passagg bir-rigel lill-appellant Cutajar. Din ix-xatba il-kbira hija maghluqa b'katnazz.

2. Illi mix-xiehda ta' Alfred Zammit jirrizulta illi fil-jum tat-03 ta' Marzu 2010 huwa lemah lill-appellant Joseph Cutajar ikisser il-katnazz li hemm max-xatba li jaghti ghal dan l-isqaq b'dik li huwa jiddeskrivi bhala sega.

3. Wara dan intlemah mill-kwerelanti l-vann proprjeta' tal-appellant Anton Cutajar gewwa l-isqaq liema vann instaq ghal fuq il-post minn certu Michael Aquilina li jistqarr fix-xiehda tieghu li huwa gie imqabbad minn Anton Cutajar sabiex jaccedi ghal gnien li jmiss ma' dan l-isqaq billi selliflu l-vann tieghu bin-numru ta' reġistrazzjoni HAO865 u dan sabiex jigborlu xi haxix minn gol-gnien tieghu.

4. Illi għalkemm l-appellant Anton Cutajar jiċħad illi huwa kisser xi katnazzi, madanakollu jammetti illi kien ta struzzjonijiet lil Michael Aquilina sabiex isuq il-vann tiegħu bil-għan li jidħol ġewwa l-isqaq ħalli ineħħielu xi ħaxix minn ġol-ġnien li jmiss ma' dan l-isqaq. Jikkontendi illi huwa daħal minn go din ix-xatba għal ġnien tiegħu kemm il-darba għalkemm jistqarr illi kien jidħol mill-'bieb iż-żgħir'.

5. Min-naħa tiegħu l-appellant Joseph Cutajar għalkemm jikkontendi illi lil Michael Aquilina qieli hu u ħuh qabbduh jagħmlilhom xi xogħolijiet u għalkemm kien jaf illi fil-ġurnata indikat fl-akkuża dan Aquilina kien ser igħabbi xi ħaxix minn ġol-ġnien, madanakollu jiċħad li kisser xi katnazz u jistqarr illi dak in-nhar lanqas biss kien fuq il-post. Jikkontendi illi kien hemm perijodu ta' żmien fejn ix-xatba ma kenitx magħluqa b'katnazz u kienu jidħlu bil-vann liberalment. Igħid li meta kien hemm il-katnazz kienu jidħlu mill-bieb iż-żgħir.

6. Illi bejn il-ko-litigandi hemm proceduri ċivili pendenti rigward il-mertu ta' dan l-isqaq u hemm esebieta in atti sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali kontra l-appellanti tal-24 ta' Ġunju 2008 fuq l-istess mertu.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi ma tistax tagħti affidabbilita lil verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellanti, u li allura l-Ewwel Qorti u l-perit tekniku maħtur minnha ġustament straħu fuq il-verżjoni mogħtija mill-kwerelanti meta dawn jishqu illi l-appellanti kisbu access għall-isqaq li jifred il-proprjetajiet rispettivi tagħhom meta daħħlu minn ġox-xatba billi tkisser katnazz li kien sar mill-isemmija kwerelanti. Illi huwa indubitat illi l-pussess ta' dan l-isqaq, apparti il-jedd ta' passaġġ bir-riġel favur l-appellanti, jappartjeni lil kwerelanti li jħarsu dan il-jedd billi jsakkru x-xatba li tagħti għal dan l-isqaq permezz ta' katnazz. Illi għalkemm il-katnazz tax-xatba tneħħa mill-appellant Joseph Cutajar, dan sar bil-konsapevolezza u l-kunsens ta' Anton Cutajar tant illi dan ta'l-aħħar inkariga lil Michael Aquilina u saħansitra selliflu il-vann tiegħu biex jaċċedi għal dan l-isqaq

meta kien jaf illi huwa ma kellux hlief dritt ta' passagg bir-rigel ghall-istess. Tant hu hekk illi bejn il-ko-litigandi hemm proceduri civili pendenti sabiex jigu determinat id-drittijiet petitorji u/jew possessorji tal-partijiet fuq dan l-isqaq.

Illi gie deciz fil-każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bongailas[1]:

> **L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminalili jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**
>
> **Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Dan ghaliex:

> **'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'[2]"**

Illi ma hux ikkontestat illi l-kwerelanti kienu qed jaghluq ix-xatba b'katnazz u dan sabiex jittutelaw id-drittijiet taghhom fuq l-isqaq mertu ta' dawn il-proceduri tant illi llum hemm istitwiti proceduri civili fuq dina il-*causa litigandi.* Huwa indubitat ghalhekk illi huma kienu qed izommu lil appellanti milli jinvadu dan l-isqaq b'vetturi u ingenji ghalkemm jikkoncedu li ghandhom dritt ta' passagg bir-rigel minnu. Jirrizulta ampjament ippruvat, kif inghad, li z-zewg appellanti fixklu kemm il-darba lill-kwerelanti fit-tgawdija tal-proprjeta taghhom billi jippretendu illi ghandhom dritt li jidhlu fl-isqaq kif inghad. Kwindi l-aggravju marbut mal-ewwel zewg imputazzjonijiet qed jigi michud.

---

[1]1 Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aħħar nett l-appellanti jinsabu mixlija wkoll bir-reat tal-ħsara volontarja u dan meta tkisser il-katnazz tax-xatba sabiex jinkiseb access ghall-isqaq permezz tat-trukk. Illi kif inghad ghalkemm l-access ghall-isqaq inkiseb bil-konsapevolezza u l-kunsens tal-appellanti Anton Cassar, madanakollu l-att materjali ta' dan ir-reat sar unikament mill-appellanti Joseph Cutajar. Dan jixhdu l-kwerelant Alfred Zammit li jghid li ra lill-appellant Joseph Cutajar ikisser il-katnazz x'aktarx b'xi sega. Madanakollu la il-katnazz u lanqas ricevuta tal-hsarat subiti ma gew ipprezentati sabiex allura din il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni tikkonstata jekk verament sehhitx xi hsara f'dan il-katnazz kif allegat, kif lanqas kien f'posizzjoni jikkonstata dan l-espert tekniku mqabbad mill-Ewwel Qorti u l-Ewwel Qorti stess. Kwindi l-appellanti ghandhom jigu lliberati minn din l-imputazzjoni. Milhuqa din il-fehma l-Qorti tqies illi ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-ahhar aggravju imqanqal mill-appellanti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell *in parte* tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, tirrevokaha izda fejn sabithom hatja tat-tielet imputazzjoni u tilliberahom mill-istess.

Konsegwentement tvarja il-piena inflitta u tikkundannhom ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt ewro (€300) kull wiehed.

Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Imhallef
Vera Kopja

Jocye Agius
Deputat Registratur